MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 1611/2001/1

**Jesmond Pace f'isem id-ditta**
**Pace, Galea Musu & Company**

**Vs**

**XOL Company Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' Lm1,270.75c (elf u mitejn u sebghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu) dovuti bhala servizzi professjonali resi mid-ditta attrici bhala ditta ta' accountants u awdituri u spejjez inkorsi fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta.

Ra r-Risposta fejn is-socjeta' konvenuta sostniet li d-ditta Pace Galea Musu & Co. qatt ma tqabbdu bhala awdituri tas-socjeta' konvenuta; qalet li qatt ma kien hemm ftehim bejn il-partijiet fuq l-accountancy fees. Tghid ukoll li s-socjeta' attrici kienet tard hafna biex iwettqu dak li gie

mitlub mis-socjeta’ konvenuta b’konsegwenza li ma kienx fadal skop ghas-servizz minnhom rezi u li s-socjeta’ konvenuta soffriet danni. Is-socjeta’ konvenuta qed tinkorri diversi penalitajiet ghaliex is-socjeta’ attrici qieghda zzomm abbuzivament il-karti ta’ l-istess socjeta’ konvenuta.

Ra s-seduta datata 4 ta’ Marzu, 2002 li fiha xehed Jesmond Pace fejn qal li kien ghamel laqgha ma’ Alfred Zammit li tah l-inkarigu biex jiehu hsieb ghal management accounts. Jesmond Pace jikkonferma li ghall-bidu kien jahdem bhala sole practitioner izda iktar tard kellu d-ditta attrici Pace Galea Musu & Co. jghid ukoll li f’dak iz-zmien kien qed jaghmel merger bejn il-practice tieghu ma’ l-awdituri ohrajn u baghat cirkolari lis-socjeta’ konvenuta fejn informawha b’din il-merger. Is-Sur Zammit iltaqa mal-partners ta’ Jesmond Pace u insista li johrog l-audit izda qabel l-accountancy work ikun lest Jesmond Pace ma setghax jaghmel l-audit. Jesmond Pace talab lix-XOL Company Ltd. biex ihallas kemm il-kont tieghu personali qabel il-merger kif ukoll il-kontijiet tad-ditta attrici ghaliex baqghet taghti servizzi lis-socjeta’ konvenuta. Jesmond Pace jghid ukoll li s-Sur Zammit kien iserrahlu rasu li xi darba ser ihallsu ghaliex dak iz-zmien ma kellux flus. Jghid ukoll li d-ditta attrici dejjem ghamlu ix-xoghol kif suppost u kellhom hafna diffikultajiet minhabba li s-socjeta’ konvenuta ma kelliex dokumenti “in order” ghalhekk jekk hemm xi “lateness” fix-xoghol tad-ditta attrici kien kollhu tat-tort tas-socjeta’ konvenuta.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra s-seduta datata 2 ta’ Ottubru, 2002 li fiha xehed Alfred Zammit, prodott mis-socjeta’ konvenuta, fejn ikkonferma li kien qabbad lil Jesmond Pace biex jipprezenta management accounts kull xahar u kien jghaddilu ukoll payrolls. Jghid ukoll li s-Sur Pace ma kienx ilestilu l-accounts kull xahar kif kien miftiehem, f’sena u nofs jghid li s-Sur Pace lesta biss tlett management accounts. Alfred Zammit qal li ezamina l-management accounts fejn sab diskrepanzi u jikkonferma li qatt ma qabbad lis-Sur Pace bhala awditur tas-socjeta’ tieghu. Jghid ukoll li beda jigri

wara s-sur Pace biex ilestilu l-management accounts u r-rapport tal-investitur izda jikkonferma li qatt ma waslu. Is-Sur Zammit qatt ma kiteb lis-Sur Pace dwar l-ilmenti tieghu izda kien dejjem imur ghandu jew icempillu. Jghid ukoll li s-Sur Pace kien qallu li lesta l-audited accounts ghal firma tieghu izda ma riedx jaghti dawn id-dokumenti qabel ma jhallsu.  Jikkonferma li sal-lum il-gurnata d-ditta attrici ma taghtux l-audited accounts u jsostni li qatt ma inkariga lil Jesmond Pace biex jaghmel l-audited accounts. Is-socjeta' konvenuta qieghda tehel hafna multi minhabba li id-ditta attrici qieghda zzomm id-dokumenti kollha tas-socjeta' konvenuta. Jikkonferma li meta kien jaghti d-dokumenti lill-accountant ma kienx izomm kopji ghalih.

F'din il-kawza d-ditta attrici qieghda titlob hlas ta' Lm1,270.75c (elf u mitejn u sebghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu) rapprezentanti hlas dovut in konnessjoni ma' servizzi professjonali resi bhala ditta ta' accountants u awdituri u spejjez inkorsi.

Is-socjeta' konvenuta qieghda tghid li qatt ma qabdet lid-ditta attrici; li ma kienx hemm ftehim fuq accountancy fees u dawk mitluba huma eccessivi.  Fir-Risposta hemm accenn ghal danni li gew sofferti mis-socjeta' konvenuta izda ma hemmx kontro-talba.

Illi fil-pro-forma invoices datati 30 ta' April, 2001 id-ditta attrici elenkat l-ammonti li kienet tippretendi ghas-servizzi taghha. Hemm ukoll "summary of hours" esebit mid-ditta attrici. Illi l-kawza giet ipprezentata fid-29 ta' Novembru, 2001. Illi s-socjeta' konvenuta naqset li tipprezenta xi tip ta' risposta ghal dawn l-invoices. Illi Alfred Zammit qal li qatt ma kiteb "lis-sur Pace dwar l-ilmenti tieghi". Illi l-verzjoni tas-socjeta' konvenuta mhix kredibli ghaliex wiehed jistenna li dik is-socjeta' kienet tikteb lid-ditta attrici u tghid li ma ghandhiex taghti ghaliex qatt ma qabdet lid-ditta attrici biex taghmel xi xoghol. Illi Alfred Zammit jghid li kien gie informat li Jesmond Pace ghamel merger mad-ditta attrici f'Settembru, 2001. Illi Alfred Zammit ma cahadx li dawk in-nies impjegati tad-ditta attrici ghamlu x-xoghol kif elenkat fid-dokumenti esebiti mid-ditta attrici.

Illi fil-kawza 1612/01AE deciza fit-3 ta' Ottubru, 2002 – liema kawza giet annessa ma' din il-kawza wara talba tal-partijiet, il-konvenut qal: "Komplejt nahdem ma din id-ditta l-gdida minhabba nghid ir-relazzjoni tajba li kelli ma' l-attur". (ara xhieda 26/2/2002 pagina 10 a fol 56). Dwar Jesmond Pace, Alfred Zammit qal ukoll: "jiena kont nafdah ghax naf li kien jaghmel xogholu".

Bhal ma ntqal fis-sentenza fil-kawza 1612/01AE, meta ma kienx hemm ftehim bejn il-partijiet dwar rati ta' hlas facilment jinqalghu kwistjonijiet dwar il-hlas dovut. Ma hemm ebda ligi li tiffissa r-rati ta' hlas li jista jintalab minn accountant jew awditur.

Illi ghalkemm is-socjeta' konvenuta tghid li l-ammonti mitluba huma eccessivi ma tghidx kemm tippretendi li huwa dovut u lanqas ma tghid liema mill-ammonti mitluba huma eccessivi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------